MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 482/2002/1

**Claudia Azzopardi gja' Abela**

**vs**

**Eman Abela**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Settembru 1999 (*vide* Dok. "A") u minn dan iz-zwieg l-istess kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-kontendenti bdew johorgu flimkien meta l-attrici kien ghad ghandha biss sittax-il sena (16) u l-konvenut kien ghad ghandu biss tmintax-il sena (18);

Illi effettivament l-konvenut kien l-ewwel guvni illi qatt kellha l-attrici;

Illi l-kontendenti tgharrsu biss ftit xhur wara illi ltaqghu l-ewwel darba, u dan meta kienu ghadhom zghar hafna fl-eta';

Illi l-attrici kienet persuna mmatura u kellha l-ambizzjoni illi tkun mizzewga sa ma tilhaq l-eta' ta' wiehed u ghoxrin (21) sena u li sa ma jkollha tlieta u ghoxrin (23) sena hija tkun diga' saret omm;

Illi min-naha tal-attrici kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni fuq dawk illi huma l-obbligi, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga, kien hemm immaturita' u kien hemm nuqqas ta' mhabba vera fil-konfront tal-konvenut illi kien strument illi permezz tieghu l-attrici setghet tirrealizza l-ambizzjonijiet taghha kif fuq deskritti;

Illi sabiex l-attrici rnexxielha li tirrealizza l-ambizzjoni taghha, hija l-istess bhal konvenut, ghalkemm ghal ragunijiet ben diversi, kienet tahdem sieghat twal ta' xoghol u *di fatti* ftit li xejn kien jifdal hin ghall-komunikazzjoni bejnha u bejn il-konvenut u effettivament qatt ma kien hemm diskussjoni serja bejniethom dwar dawk li huma l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk il-gudizzju taghhom certament illi ma kienx wiehed shih;

Illi min-naha tieghu l-konvenut dejjem pogga l-ewwel u qabel kollox il-karriera tieghu fil-qasam tal-lukandi u l-*catering* u fil-fatt fl-eta' ta' ftit izjed minn ghoxrin (20) sena huwa kien diga' rnexxielu jiehu l-kariga ta' *manager* f'lukanda kbira f'pajjizna;

Illi ghal dan il-ghan ukoll il-konvenut kien jahdem sieghat twal ta' xoghol u fil-fatt huwa minn dejjem insista mal-attrici illi l-karriera tieghu kienet tigi l-ewwel u qabel kollox u kien anke dispost illi jsiefer, anke wara z-zwieg, sabiex ikompli javvanza din il-karriera;

Illi effettivament min-naha tal-konvenut huwa kien impona kundizzjoni fuq l-attrici illi minn dan iz-zwieg huma ma jkollhomx tfal ghaliex ma riedx illi jkun hemm ebda xkiel ghall-avvanz tal-karriera tieghu, u fil-fatt il-konvenut baqa' ghaddej b'dan iz-zwieg aktar ghaliex kien hemm il-preparattivi kollha lesti u kien ilu zmien twil f'relazzjoni mal-attrici izjed milli ghaliex kien hemm rieda shiha u reali min-naha tieghu illi jizzewweg lill-attrici;

Illi l-attrici kienet, fid-deher, accettat din il-kundizzjoni, ghalkemm dejjem kienet tispera illi effettivament wara z-zwieg il-konvenut kien ibiddel fehemtu, xi haga illi effettivament ma sehhitx u kienet kwistjoni fundamentali illi wasslet ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti;

Illi l-kontendenti ma kellhomx imhabba reali fil-konfront ta' xulxin u kull parti kkontrattat dan iz-zwieg ghall-motivazzjonijiet zbaljati kif fuq spjegat;

Illi effettivament il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fid-19 ta' Frar 2001 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' LL.D. (hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B");

Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1999 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan *ai termini* tal-provvedimenti tal-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** b'mod generali u b'mod partikolari *ai termini* tal-**paragrafi (d), (f) u (g) tal-imsemmi artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1999 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi u dan a tenur tal-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-**paragrafi (d), (f) u (g) tal-istess artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u

ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 12 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata 7 ta’ Ottubru 2002 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, tal-konvenut Eman Abela, ta’ Raymond Saliba u ta’ Diane Mallia u ddikjarat li m’ghandiex provi aktar.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 t’Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta’ Dicembru 2002 fejn tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Frar 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita Sine Die.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 11 ta’ Frar 2003 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata, liema talba giet milqugha b’digriet tal-Qorti tat-12 ta’ Frar 2003.

Rat il-verbal tat-2 ta’ April 2003 fejn il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx, u l-Qorti pprefiggietlu terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollha l-istess terminu ghal nota responsiva.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Marzu 2003.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza, il-konvenut baqa’ ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Claudia Abela** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostniet illi:-

*"Jiena u Eman konna ltqajna meta konna nahdmu flimkien fir-ristorant 'Cosmana Navarra' fir-Rabat fejn kont nghix jien. Jien kelli sittax-il sena (16) u Eman kellu tmintax-il sena (18). Eman kien l-ewwel guvni illi jiena qatt kont hrigt mieghu.*

*Ghall-ewwel bdejna nohorgu bhala hbieb u mbaghad bdejna nohorgu flimkien bis-serjeta'. Wara ftit huwa mar jahdem il-'Mistra Village' u jien mort nahdem hemm ukoll u Eman kuljum kien iwassalni d-dar peress li jien ma kontx insuq. Dak iz-zmien konna niltaqghu u nohorgu flimkien ta' spiss wara x-xoghol.*

*Imbaghad wara disa' xhur bdejna nidhlu ghand xulxin u l-hrug ta' bejnietna naqas drastikament. Ftit wara jien mort nahdem il-'Corinthia Palace' u Eman mar jahdem il-lukanda 'Santana'. Irrid nghid illi Eman dejjem pogga l-karriera tieghu l-ewwel u qabel kollox. Huwa bniedem ambizzjuz hafna u ried illi fil-qasam tal-'catering' jilhaq sal-oghla grad, xi haga illi fil-fatt irnexxielu jaghmel. Is-'Santana' huwa kien jahdem hinijiet twal hafna, gieli anke aktar minn sittax-il siegha kuljum, u l-kuntatt bejnietna naqas. Jiena kont dhalt f'depression u ma' Eman kont niggieled ta' spiss minhabba fis-sitwazzjoni li konna fiha u hu min-naha tieghu kien ikun taht pressjoni kbira ta' xoghol.*

*Eman kien issuggerixxa illi nizzewgu biex tal-anqas id-dar taghna jkollna aktar hin ghal xulxin. Dan kien madwar sena u nofs wara li bdejna nohorgu flimkien. Jiena kont accettajt illi nizzewgu kemm ghal din ir-raguni u kif ukoll ghaliex jiena minn dejjem kelli x-xewqa illi nizzewweg zghira, sa l-eta' ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, u sa l-eta' ta' erbgha u ghoxrin (24) sena jkolli t-tfal. Dak iz-zmien*

*Eman kellu ghoxrin (20) sena u jien kelli tmintax-il sena (18). Iz-zwieg pero' ma sehhx dak iz-zmien minhabba li kien hemm oppozizzjoni min-naha tal-genituri tieghi li qalulna li konna qed nghagglu u ma kien ghad ghandna xejn taghna.*

*Minn dak iz-zmien 'il quddiem bdejna nippreparaw ghat-tieg izjed milli ghaz-zwieg ghaliex Eman, peress illi jahdem fil-qasam tal-'catering', ried illi jkollna tieg mill-aqwa, kif fil-fatt kellna. Konna nahdmu izjed, ingemmghu izjed, niltaqghu anqas u nahlu hafna energija fit-tieg taghna, izda mill-banda l-ohra diskussjoni serja dwar l-obbligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga ftit li xejn kien ikun hemm bejnietna. Anke ghall-kors ta' Kana, Eman kien jigi kontra qalbu u bi sforz, u mhux talli ma kienx jippartecipa hu, talli lanqas kien ihalli lili nippartecipa. Fil-fatt irrid nghid illi l-karattru tieghu huwa wiehed illi jrid isir dejjem u kollox dak li jghid hu, huwa bniedem ta' ftit kliem u d-decizjonijiet irid li johodhom hu minghajr ma jindahallu hadd.*

*Eman kellu l-ambizzjoni illi jilhaq kemm jiflah fil-karriera tal-'catering', u kien jibdel minn xoghol ghall-iehor u jzid fil-hinijiet tax-xoghol, basta illi ma' kull pass illi jaghmel itejjeb il-karriera tieghu. Fil-fatt fl-eta' ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, eta' zghira hafna, huwa rnexxielu jilhaq fl-oghla grad fil-qasam tal-'catering', u cjoe' 'Food & Beverage Manager', ma' wahda mill-lukandi prominenti f'pajjizna, il-'Corinthia'. Jiena pero' dejjem kont nigi t-tieni filwaqt li x-xoghol u l-karriera kienu jigu l-ewwel.*

*Eman kellu wkoll l-ambizzjoni li jmur jahdem barra minn Malta f'wahda mill-lukandi tal-'Corinthia', izda jien qatt ma ridt li nitlaq minn Malta. Ahna qeghdin zewg ahwa biss u jiena 'close' hafna mal-familja tieghi. Huwa nsista wkoll illi miz-zwieg taghna ma jkollniex tfal ghaliex ma riedx illi jkollu xkiel ghall-karriera tieghu. Jiena la ridt immur nghix barra minn Malta u lanqas ma ridt nibqa' bla tfal, izda kont ghidtlu li qed naccetta dawn il-kundizzjonijiet ghaliex dejjem kont nghid illi maz-zmien jinbidel u jibdel fehemtu. Fir-realta' pero' ma kont se naccetta qatt illi jiena nibqa' bla tfal.*

*Irrid nghid ukoll illi kuntatt sesswali bejnietna ftit li xejn kien ikun hemm, kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg. Imbaghad, wara madwar sena, Eman ried illi l-kuntatt sesswali bejnietna jispicca ghal kollox. Jiena naturalment ma kont kuntenta xejn b'din is-sitwazzjoni u ghalkemm min-naha tieghi dejjem kont naghmel 'effort' biex nippruvaw nirrangaw l-affarijiet bejnietna pero' min-naha tieghu qatt ma kien hemm xi tip ta' komunikazzjoni.*

*Dwar il-problema tal-hinijiet twal tax-xoghol tal-konvenut qatt ma kien hemm rizoluzzjoni taghha u t-tnejn li ahna konna nghidu illi forsi wara z-zwieg maz-zmien l-affarijiet jirrangaw ruhhom. Dan pero' ma kienx il-kaz, wara z-zwieg Eman baqa' jahdem sieghat twal, jiena bqajt nahdem fil-qasam tal-'catering' u d-dar ftit li xejn konna niltaqghu. Komunikazzjoni bejnietna ma kien hemm assolutament xejn u konna qisna zewg strangieri nghixu fl-istess lukanda. Gieli anke ghamilna granet shah ma niltaqghux. Konna nikkommunikaw l-izjed bil-'mobile' u bl-SMS. Din is-sitwazzjoni ma kenitx izjed accettabbli u fil-fatt imbaghad fi Frar li ghadda, sentejn u hames xhur wara li zzewwigna, konna sseparajna b'kuntratt bonarju. Fil-fatt Eman kien talabni biex nisseparaw billi baghatli SMS!!*

Illi giet prezentata wkoll ix-xhieda ta' **Raymond Saliba** b'affidavit tieghu datat 10 ta' Settembru 2002 a fol. 24 tal-process fejn spjega li huwa kien jahden mal-attrici u spiss kien jinnota li l-attrici kienet tkun imdejjqa ghaliex zewgha kien mohhu biss fix-xoghol u ma kienx irid ikollu x'jaqsam maghha b'mod intimu. Wara li sseparaw l-attrici bdiet gejja ghall-hajja normali.

Illi b'affidavit datat 24 ta' Settembru 2002 **Diane Mallia** sostniet li hija kienet habiba tal-konvenut li kien dejjem jghidilha li ghalih il-karriera tieghu kienet tigi l-ewwel u qabel kollox u li anke kawza ta' dan ftit kellhu komunikazzjoni ma' martu, anke peress li kien iqatta' hafna hin fuq ix-xoghol. Kien ghamel kundizzjoni ukoll li miz-zwieg ma jkollux tfal.

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Eman Abela** wkoll permezz ta' affidavit pprezentat mill-istess attrici xehed illi:-

*"Jiena kont iltqajt ma' Claudia Azzopardi meta kont nahdem fir-ristorant 'Cosmana Navarra' fir-Rabat fl-1995. Jien kont nahdem bhala 'waiter' u Claudia bdiet tahdem hemm bhala 'waitress' fuq bazi 'part-time'. Dak iz-zmien jiena kelli tmintax-il sena filwaqt li Claudia kellha sittax-il sena.*

*Ahna bdejna nohorgu flimkien, ghall-ewwel bhala hbieb izda mbaghad ir-relazzjoni taghna zviluppat f'wahda serja. Ghalija din kienet l-ewwel darba illi kont hrigt ma' tfajla bis-serjeta' filwaqt illi sa fejn naf jiena Claudia qatt ma kienet harget ma' guvintur ohra qabli.*

*Ftit zmien wara jiena waqaft mill-impjieg tieghi fir-ristorant 'Cosmana Navarra' u mort nahdem il-'Mistra Village', u ftit wara anke Claudia giet tahdem fl-istess post. Dak iz-zmien ahna kona nqattghu hafna hin flimkien, konna nahdmu fl-istess post flimkien u wara konna nibqghu hergin flimkien.*

*Madwar disa' xhur wara li bdejna nohorgu flimkien konna bdejna nidhlu ghand xulxin. Jiena kelli dsatax-il sena u Claudia kellha sbatax-il sena. Fil-fatt bdejna nkunu fid-djar ta' xulxin ta' spiss u dan minflok certu hrug illi qabel konna nohorgu.*

*Xi xhur wara jiena kont ergajt bdilt ix-xoghol u bdejt nahdem il-lukanda 'Santana' f'Bugibba filwaqt illi Claudia baqghet tahdem bhala 'part-timer' il-'Mistra Village'. Minhabba l-hinijiet tax-xoghol taghna l-hin li konna nqattghu flimkien kien naqas ferm u dan beda jaffetwa serjament ir-relazzjoni ta' bejnietna. Claudia dahlet f'depression minhabba f'din is-sitwazzjoni filwaqt illi jiena kelli pressjoni kbira fuqi minhabba hinijiet twal ta' xoghol.*

*Irrid nghid illi jiena minn dejjem kelli l-ambizzjoni illi nirnexxi fil-qasam tal-'catering' u l-'management'. Fil-fatt kont bdejt nahdem bhala 'summer worker' meta kien ghad*

*ghandi tlettax-il sena. Kont nahdem fil-kumpless 'White Rocks' f'Bahar ic-Caghaq u bqajt nahdem kull sajf fl-istess kumpless sa ma ghalaqt l-eta' ta' sittax-il sena. Imbaghad kont tlaqt mill-iskola u bdejt nahdem fil-lukanda 'Corinthia Palace' f'Hal Balzan bhala 'waiter' u bdejt naghmel ukoll xoghol 'part-time' bhala 'waiter' fir-ristorant 'Cosmana Navarra'. Dan huwa qasam ta' xoghol illi lili jentuzjazmani u li minn dejjem xtaqt illi nirnexxi fih u navvanza l-karriera tieghi. Fil-fatt meta ghamilt il-pass li nitlaq nahdem il-'Mistra Village' ghamilt dan peress illi rajt dan il-pass avvanz fil-karriera tieghi ghaliex inghatajt il-kariga ta' 'Head Waiter'. Imbaghad minn hemm jiena mort nahdem il-lukanda 'Santana' bhala 'restaurant manager' u minn hemm imbaghad bdejt nahdem il-lukanda 'Corinthia Palace' bhala 'Head Waiter', u ftit wara gejt promoss ghall-grad ta' 'Conference and Events Manager'. Wara gejt promoss ghall-grad ta' 'Foods and Beverage Co-ordinator' fl-istess lukanda u mbaghad mort nahdem il-'Corinthia San Gorg' bhala 'Food and Beverage Executive'. Illum nokkupa l-kariga ta' 'Food and Beverage Manager' fil-lukanda 'Corinthia Marina'. Jiena llum ghandi sitta u ghoxrin (26) sena u biex irnexxieli nilhaq f'din il-kariga, illi fil-qasam tal-'catering' hija l-oghla wahda, kelli naghmel hafna sagrificcji, inkluz ta' hinijiet twal ta' xoghol, fejn mhux l-ewwel darba illi hdimt sittax-il siegha u aktar kuljum 'at a stretch'. Jiena naghraf illi minn dejjem gibt il-karriera tieghi qabel ir-relazzjoni u eventwalment iz-zwieg tieghi ma' Claudia. Iz-zwieg tieghi ma' Claudia kien parti mill-kwadru li jiena ppruvajt nohloq bhala l-kwadru ta' hajti izda l-karriera tieghi dejjem okkupat, kif ghadha sal-lum il-post prominenti fin-nofs ta' dan il-kwadru.*

*Jiena u Claudia konna niggieldu hafna bejnietna minhabba fil-fatt illi jiena kelli 'commitment' qawwi hafna lejn ix-xoghol u lejn il-karriera tieghi, u ghalhekk fil-ftit hin illi kien ikollna ghalina hafna drabi konna nqattghuh f'diskussjonijiet u glied minhabba f'dan il-fatt.*

*Meta jiena mort nahdem il-lukanda 'Santana' Claudia marret tahdem il-lukanda 'Corinthia Palace' fejn imbaghad wara xi zmien mort nahdem jiena wkoll. Ghalhekk bdejna niltaqghu izjed fuq il-post tax-xoghol pero' bhala dak li*

*jiena nsejjahlu 'quality time', jigifieri hin li konna nqattghu wahedna mhux fuq il-post tax-xoghol, xorta wahda ftit li xejn kien ikollna.*

*Minhabba fis-sitwazzjoni li konna ninsabu fiha, peress illi ma konna qed inqattghu ebda hin flimkien, jiena kont issuggerejt illi jiena u Claudia nizzewgu, ghalkemm ma konniex ippreparati ghal dan il-pass. Il-genituri ta' Claudia kienu opponew ghal dan il-pass peress illi konna ghadna zghar, ma kellniex post taghna u mezzi finanzjarji u hassew li konna qed nghagglu zzejjed. Jiena lill-genituri tieghi ma kont ghidtilhom xejn ghaliex jiena bniedem ta' ftit kliem u l-affarijiet tieghi nhobb niddecidihom jiena wahdi minghajr indhil.*

*Illum naghraf illi din id-decizjoni kien frott ta' certa mmaturita' miz-zewg nahat peress illi naghraf illi z-zwieg zgur illi ma kienx is-soluzzjoni ghall-problemi ta' bejnietna, tant illi anke wara z-zwieg l-istess problemi baqghu jezistu u wasslu ghas-separazzjoni taghna.*

*Imbaghad wara ahna bdejna nippreparaw ghat-tieg. Illum naghraf illi izjed kienet preparazzjoni ghat-tieg milli ghaz-zwieg. Fil-fatt diskussjoni serja bejnietna dwar dawk li huma l-obbligazzjonijiet, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga qatt ma kien hemm. Lanqas ma ddiskutejna bis-serjeta' u ppruvajna nsibu soluzzjoni ghall-problema tal-hinijiet twal tax-xoghol tieghi, u jiena kont nghid illi biz-zmien kollox jirranga ruhu. Illum nirrealizza kemm konna zbaljati.*

*Irrid nghid ukoll illi jiena kelli, kif ghad ghandi, l-ambizzjoni illi mmur nahdem barra minn Malta mal-kumpanija 'Corinthia' illi kont nahdem maghha f'lukanda kbira u ridt illi xejn ma jfixkel il-'career move'. Ghalhekk jien kont insistejt ma' Claudia illi miz-zwieg taghna ma jkollniex ulied ghaliex Claudia ma riditx illi titla' tghix barra minn Malta u jiena min-naha ma ridtx illi nitlaq u nhalli t-tfal warajja u min-naha l-ohra lanqas ma ridt illi minhabba l-fatt illi jkolli t-tfal jiena nitlef din l-opportunita' ghall-avvanz tal-karriera tieghi. Claudia kienet kontra qalbha accettat din il-kundizzjoni ghalkemm dan il-fatt xorta wahda kien*

*sors ta' diskussjonijiet u glied bejnietna anke wara z-zwieg.*

*Fit-tieg taghna nvestejna hafna flus u energija. Peress illi kif diga' spjegajt il-qasam tal-'catering' huwa l-linja tieghi, jiena ridt li naghmel cert illi t-tieg taghna jkun wiehed perfett u ma jkun jonqsu xejn. Konna nahdmu izjed u ngemmghu izjed biex ikollna izjed mezzi biex naffordjaw tieg mill-aqwa. U fil-fatt kien tieg mill-aqwa li kellna. Konna zzewwigna fil-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara fil-11 ta' Settembru 1999 u wara r-riceviment sar fil-lukanda 'Seabank'. Meta zzewwigna jiena kelli tlieta u ghoxrin sena (23) u Claudia kellha wiehed u ghoxrin (21).*

*Tfal miz-zwieg ma kellniex u jiena bqajt bir-ritmu ta' xoghol illi kelli qabel. Kont nahdem hinijiet twal, madwar sittax-il siegha kuljum, u avolja issa konna mizzewgin xorta wahda ftit li xejn kien ikollna hin flimkien. Claudia kienet baqghet tahdem fil-'catering' ukoll u ftit li xejn stajna nqabblu l-hinijiet taghna. Id-dar kienet qisha lukanda, rarament kien ikun hemm it-tnejn li ahna flimkien, min jinzerta d-dar kien isajjar u konna nikkommunikaw l-izjed bl-SMS u l-'mobile'. Din is-sitwazzjoni finalment wasslet ghall-kollass taz-zwieg taghna illi llum, meta nhares lura, naghraf illi ma kien zwieg xejn. Fil-fatt ahna sseparajna b'kuntratt pubblikat fid-19 ta' Frar 2002, fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa', sentejn u hames xhur wara li zzewwigna. Iz-zwieg taghna kien ir-rizultat ta' zewg persuni illi kienu mmaturi mentri konna nahsbu illi konna maturi. Illum jiena ghadni nahdem is-sieghat twal ta' xoghol illi kont nahdem qabel, bid-differenza illi m'ghandi ndhil u xkiel minn hadd".*

**<u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attrici *inter alia* tissottometti li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich****:*

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma:-

*"The obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of*

*children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics” (**Viladrich, P.J.,** op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **“Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia”** (P.A. (VGD) 10 ta’ Settembru 1997) inghad wkoll li:

*“Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **“Isabelle Zarb vs Stephen Attard”** – P.A. 21 ta’ Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ inkompatibbilta` ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar “anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”. Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom”.*

Illi ghalhekk b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**“Nicholas Agius vs Rita Agius gja’ Caruana”** – P.A. (VDG) tal-25 ta’ Mejju 1995).

Illi kif inghad fis-sentenza **“Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda

zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li:-

*"Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita`*

*affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (*ara,* **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995*).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid:-

*"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini****,* id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la*

*discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni*

*volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-

psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* kif jghid ***Bersini,*** *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma:-

*"The obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh"**, (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs**

**Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi l-attrici ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (f)** bhala bazi tal-azzjoni taghha u fl-istess artikolu jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*“**artikolu 19 (1) (f):-** “jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Carmen Camilleri vs Anthony Camilleri”** (P.A. (RCP) 29 ta’ April 2003):-

*“F’dan is-subartikolu l-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur **F. Anzar Gil** fil-ktieb tieghu: **“El nuevo derecho matrimonial canonico”** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-*

*“Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale”.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Marica Mizzi vs Mario Scicluna”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Dicembru 2002): *“ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.*

*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta`”*. (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**).

Illi kif riaffermat fis-sentenza **“Jacqueline Agius vs Ivan Agius”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Dicembru 2002) *“il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita` tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra”.*

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta` tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta` ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha il-volonta` w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta` puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* ***(O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico")***.

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP) u diversi ohrajn moghtija minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Illi fl-ahharnett l-attrici tirreferi ghal l**-artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*“jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur”.*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *“a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. “I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you”* (**“Handbook II for Marriage Nullity Cases”** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta’ annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

<u>**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-ewwel lok li l-partijiet dahhlu f’dan iz-zwieg ghall-iskopijiet egoistici taghhom, l-attrici sabiex izzomm l-ambizzjoni li kellha li tizzewweg meta jkollha wiehed u ghoxrin (21) sena, u l-konvenut ghaliex dan kien komdu ghalih sa certu punt li jsehh, izda jidher li specjalment dan ta’ l-ahhar kellu d-dubbju tieghu kemm seta’ jirnexxi dan iz-zwieg, *stante* li l-priorita’ unika f’hajtu, (almenu mix-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti) kienet il-karriera tieghu, li fi kliemu stess kienet tigi l-ewwel u qabel kollox.

Illi certament il-fatt li l-istess partijiet rispettivi ntefghu b’ruhhom u gisimhom fuq ix-xoghol ma ghenx is-sitwazzjoni ta’ bejniethom, u jidher li kien hemm hafna affarijiet li ma kienux jafu fuq xulxin; izda sew minhabba l-ghaggla tal-attrici li tizzewweg, kif ukoll minhabba n-nuqqas ta’ karattru tal-konvenut, li *nonsostante* d-dubbji kollha li kellu baqa’ ma ghamel xejn dwar l-istess, dan ghaliex skond kliemu, l-preparamenti ghat-tieg kien wasslu fi stat avvanzat sew, kollha juru li kien hemm immaturita’ serja miz-zewg partijiet li dahlu ghal dan iz-zwieg b’difett ta’ diskrezzjoni serja fuq il-hajja mizzewga, tant li fl-istat li kienu lanqas kienu kapaci jifhmu x’inhu l-veru sinifikat taz-zwieg.

Illi dan ma huwiex bizzejjed *stante* li jidher li l-konvenut b'mod mill-iktar apert ghamilha bhala kundizzjoni taz-zwieg tieghu mal-attrici li huwa ma jkollux tfal, u din il-kundizzjoni giet accettata mill-attrici minghajr ebda riserva, *nonostante* l-fatt li hija stess xtaqet li jkollha tfal. Pero' jidher li l-istess konvenut kien ghal kollox determinat ghall-istess, u din il-kundizzjoni ma kienitx wahda platonika, izda reali li l-konvenut kellu l-intenzjoni kollha li jsegwi, tant li fir-relazzjoni tieghu mal-attrici wasal ghall-punt li meta kellu dubju li r-relazzjoni tieghu mal-attrici setghet twassal sabiex l-istess attrici tinqabad tqila, huwa dlonk waqqaf l-operat tieghu mal-attrici, anke peress li dan seta' jkun ta' xkiel ghall-karriera tieghu.

Illi *stante* li kif inghad diversi drabi fis-sentenzi ta' din il-Qorti li l-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg, fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz hemm il-bazi ta' annullament taz-zwieg minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vvizzjat skond id-dispozizzjonijiet ukoll tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fuq dan l-ahhar punt il-Qorti tirreferi ghal dak li 'nghad fis-sentenzi **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 7 ta' Jannar 2003) u **"Alexander Brincat vs Moira Farrugia gja Brincat"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003) u cjoe':-

*"Minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kundizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi* ***"David Mangion vs Maria Sciberras"*** *(P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999);* ***"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"*** *(P.A.*

*(N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"E vs F"** (P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994); **"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John Zammit"** (P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986); **"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u **"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"** (P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999), u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur".*

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjonijiet **"Sharon Bezzina vs Richard Bezzina"** (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u **"Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil *et nomine*"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003), **"Angolina sive Julie Abdel Dawah vs Dr. Martin Fenech *et nomine*"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003) u l-Qorti thoss li apparti dak premess, dak hemm citat u l-principji enuncjati fl-istess sentenzi ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Illi ghalhekk it-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha, u z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1999 ghandu jigi dikjarat null a bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Settembru 1999 huwa null u bla effett skond il-ligi u ghat-tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligiet ta' Malta** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------